# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tas-27 ta' Marzu 2023**

**Talba nru. 253/2021**

**ELMO INSURANCE LIMITED**
**KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIKURAT SIMONE MAGRI**
**(C-3500)**

***VERSUS***

**CHARLENE GATT**
**(KI 254785M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentata fil-31 ta' Awwissu 2021 (a fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lill-konvenuta sabiex tigi ikkundanata thallas is-somma ta' sebgha mija sebgha u disghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (Eur 797.49) liema somma tiraprezenta d-danni kollha sofferti mill-assikurat tas-socjeta attrici Simone Magri u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess assikurat taghha u dan in segwitu ghal incident illi sehh fl-24 ta' Novembru 2018 fi Triq Ghajn Tuffieha San Pawl il-Bahar meta l-intimata Charlene Gatt ikkagunat hsara volontarja u doluza fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JCD 052 propjeta ta' l-assikurat tas-socjeta attrici Simone Magri ghal liema incident u konsegwenzjali danni l-intimata kienet unikament responsabbli. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Dicembru 2019 u bl-imghax legali.

Ra illi s-socjeta attrici kellha tadopera l-procedura ta' l-affissjoni li saret fl-20 ta' Dicembru 2021 kif jidher a fol. 17 kif ukoll il-pubblikazzjoni f'gazzetta tal-gvern (a fol.16) datata 11 ta' Jannar 2022 u f'gazzetta lokali datata 20 ta' Jannar 2022 (Fol. 20).

Ra illi fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2022 minkejja illi l-intimata kien jidher illi giet debitament notifikata bl-atti tal-kawza, kien ghadu ghaddej it-terminu sabiex il-parti konvenuta tressaq risposta.

Ra illi fl-udjenza tas-27 t'April 2022 il-konvenuta ma deheritx ghall-udjenza u lanqas deher xi rapprezentant ghaliha u lanqas ressqet risposta fiz-zmien li trid u tghid il-ligi sabiex twiegeb ghat-talbiet attrici. Ghaldaqstant it-Tribunal iddikjara lill-konvenuta fi stat ta' kontumacja skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra illi d-difensur tas-socjeta attrici fl-istess udjenza tas-27 t'April 2022 ipprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta Charlene Gatt. (Fol.26)

Ra illi fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2022, il-konvenuta regghet naqset milli tidher sabiex twiegeb ghad-domandi in subizzjoni.

Ra illi fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2023 is-socjeta attrici ezawrixxiet il-provi taghha.

Ra id-dokumenti prezentati.

Sema x-xhieda.

Ra l-atti processwali.

Ikkunsidra

Illi fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2022 xehed George Stagno Navarra in rapprezentanza tas-socjeta attrici illi iddikjara illi l-ammont mertu tal-kawza u cioe d-danni ta' Eur 797.49 ghadom dovuti interament mill-konvenuta lis-socjeta attrici u li dan l-ammont komplessiv jirraprezenta parts, loss of use, labour u spray (Fol. 55) li saru fuq il-vettura ta' l-assikurata tas-socjeta attrici Simone Magri.

Illi fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2023, xehdet Simone Magri illi sostniet illi fl-24 ta' Novembru 2018 hija sabet il-vettura taghha ta' l-ghamla Honda JCD 052 migrufa u bi hsarat ohra meta kienet ipparkjata fi Triq Ghajn Tuffieha San Pawl il-Bahar. Ix-xhud iddikjarat ukoll li fost il-hsarat sabet grif, kliem oxxen u wiper imkissra. Dwar dawn il-hsarat ix-xhud ghamlet rapport lill-Pulizija u wara fethet claim mas-socjeta attrici li hallsu ghall-hsarat kollha sofferti.

Illi fl-istess udjenza xehed PC 788 Keith Scerri illi ddikjara illi dakinhar ta' l-incident huwa kien stazzjonat il-Qawra u li kien acceda fuq il-post jassisti lil PS 1462. Ix-xhud ikkonferma li kien sab lil Simone Magri li kellha hsarat fil-vettura taghha JCD 052. Ix-xhud ipprezenta r-rapport tal-Pulizija (Fol.58).

Illi xehed ukoll PS 1462 Joseph Attard illi kkonferma li kien accede fuq il-post ta' l-incident ma' PC788 u li wara li hejjew ir-rapport kienu bdew l-invetigazzjonijiet. Illi minn tali investigazzjonijiet irrizulta illi l-vettura li kien hemm qrib dik ta' Simone Magri kienet Toyota bin-numru ta' registrazzjoni CTS 190 li kienet tghajjat lill-konvenuta Charlene Gatt.

Illi xehed is-surveyor John Camilleri illi kkonferma li kien ghamel survey fuq il-hsarat tal-vettura JCD 052 u ipprezenta dokument konsistenti f rapport u numru ta' ritratti li juru l-hsarat fuq il-vetura JCD 052.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi l-konvenuta baqaghet ma ressqitx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenuta, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi min-naha l-ohra is-socjeta attrici ipproduciet diversi xhieda fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2023 illi xehedu estensivament dwar il-hsarat illi gew ikkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurata taghhom u anke dwar ir-rizultat ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija li wasslu ghall-konvenuta Charlene Gatt. Illi x-xhud Simone Magri ikkonfermat il-hsarat u r-rapprezentant tas-socjeta attric George Stagno Navarra ikkonferma li l-ammont reklamat ghadu dovut.

Illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' ix-xhieda, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba. It-Tribunal ha kont ta' dak li gie affermat bil-gurament mix-xhieda ipprezentata mis-socjeta attrici inkluz d-dokumenti pprezentati li juru l-hsarat li saru u d-danni reklamati.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' sebgha mija sebgha u disghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (Eur 797.49) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mill-10 ta' Dicembru 2019 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali bin-numru 2681/19 (ipprezentata fl-atti processwali).

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur